**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 25 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 426/02AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Curmi sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Emanuel Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u sittin lira Maltija u sitta u

erbghin centezmu (Lm169.46), hlas ta' danni b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' April 2001 fi Triq ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru JGC 002 misjuqa u propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici u l-vettura numru JAE 441 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontestat t-talba tas-socjeta attrici (fol. 11).

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fis-7 ta' April 2001 gewwa Triq ix-Xemxija.

2. Il-vettura bin-numru JAE 441 kienet qeghda tinstaq mill-konvenut fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar. Il-vettura tal-marka Fiat Bravo (numru JGC 002) kienet misjuqa mill-assigurat tas-socjeta attrici, li wara li hareg minn fuq ir-roundabout (ara skizz a fol. 15) ried jidhol ghas-*slipway* li hemm indikata fl-istss dokument.

3. F'dan il-kaz partikolari t-Tribunal ghandu l-ghajnuna tar-ritratti (fol. 20) li ttiehdu mill-konvenut fuq il-post ta' l-incident, u minn liema jirrizulta bic-cjar li fil-hin ta' l-incidnet il-vettura JAE 441 kienet ghadha ma qabzitx il-linji diskontinwi li hemm ma' l-art. Dan kuntrarjament ghal dak li jidher fl-iskizz a fol. 15.

4. Wara li t-Tribunal qies il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa u x-xhieda ta' l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jasal ghas-segwenti konkluzjonjiiet:

(a) Kien is-sewwieq tal-vettura JGC 002 (Joseph Curmi) li bil-manuvra li ried jaghmel kien ser jaqsam it-trajettorja tat-traffiku li bhall-konvenut kien qieghed isuq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar.

(b) Mill-provi ma rrizultax li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qieghed isuq b'velocita li teccedi dak permess mir-regolamenti tat-traffiku. Il-hsara li saret fil-vetturi hija minima u teskludi xi *speed* eccessiv. Lanqas ma rrizultaw *brejk marks*.

(c) Il-fatt li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qieghed isegwi xarabank li mumenti qabel kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-vettura misjuqa minn martu, m'ghandha ebda rilevanza fl-ezitu ta' dan il-kaz. Ma jirrizultax li minhabba dan il-fatt il-konvenut kien aljenat fis-sewqan tieghu. F'dan ir-rigward l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz xehed li dan il-fatt *"ma kienx rilevanti mal-kaz u ghalhekk ma hadtx notament fir-road accident report"* (fol. 31).

(d) Il-fatt li l-vetturi fuq il-lemin tal-konvenut waqfu u ghamlu s-sinjal lis-sewwieq tal-vettura JGC 002 sabiex ighaddi, ma kienx jezonerah mill-obbligu li jzomm *proper lookout*. Joseph Curmi kellu l-obbligu li ma jkomplix jsuq jekk ma jkunx cert li seta' jaghmel dik il-manuvra minghajr periklu ghalih u ghas-sewwieq l-ohra. Wara kollox b'din il-manvura l-vettura JGC 002 kienet ser taqsam il-*flow of traffic*. Jidher bic-cjar li minhabba d-daqs tal-vetturi li kienu fuq il-karreggjata ta' barra, kemm il-konvenut u l-assigurat tas-socjeta attrici ma kienux f'posizzjoni li jaraw il-vetturi ta' xulxin qabel ma sehh l-incident. F'tali cirkostanzi l-obbligu fuq is-sewwieq tal-vettura JGC 002 kien iktar qawwi peress li kien hu li ried jaqsam it-trajettorja tat-traffiku. Tant il-vettura JGC 002 qasmet it-trajettorja tal-vettura JAE 441 li l-incident sehh meta din ta' l-ahhar kienet ghadha lanqas biss qabzet il-linji diskontinwi li hemm mpingija ma' l-art.

(e) Joseph Curmi xehed (fol. 27): *"nghid illi fit-triq ma hemm l-ebda sinjal tat-traffiku li jipprojbixxi li ssir il-manuvra li ridt naghmel"*. Dan il-fatt ma kienx jaghtih xi *carte blanche* li jaqbad u jaqsam it-trajettorja tat-traffiku gej minn fuq ix-xellug tieghu, minkejja l-fatt li jirrizulta li kien hemm zewg vetturi li s-sewwieqa taghhom ghamlulu s-sinjal biex ighaddi. Fit-triq ma kienx hemm dawn iz-zewg vetturi biss, u l-konvenut kellu obbligu li bil-manuvra li ried jaghmel ma jkunx ta' ostakolu ghall-vetturi ohra.

(f) Mill-provi ma jirrizultax dak allegat minn Joseph Curmi, cjoe li *"s-sewwieq (tal-vettura l-ohra) ibbrajkja u skiddja u baqa' jitkaxkar fuq il-karrozza tieghi"* (fol. 26).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra s-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**